MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 11/2003/2

**Joseph Apap**

**v.**

**Frank Borg kemm f'ismu proprju kif ukoll**
**għan-nom u in rapprezentanza**
**ta' Mezilla Construction Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell mill-konvenut Frank Borg proprio et nomine minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati

(Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali fit-23 ta’ Frar 2007 liema sentenza qed tigi hawn riprodotta ghal intendiment ahjar ta’ dana l-appell.
L-attur (illum appellat) kien ipprezenta citazzjoni fejn ippremetta u talab hekk:

“Peres illi fl-għaxra (10) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnejn (2002) l-attur kellu inċident fuq il-post tax-xogħol tigħu meta kien impjegat mal-konvenut proprio et nomine sabiex jesegwixxi xogħol ta' bini fi Triq Sannat, Xewkija, Għawdex;

“U peress illi l-inċident hawn fuq imsemmi seħħ meta inqala' l-ħajt li normalment jitpoġġa biex il-ħajt jinbena dritt u l-injama li fuqha kien imkebbeb l-istess ħajt, laqtet lill-attur f'għajnejh il-leminija;

“U peress illi dan l-inċident seħħ peress illi l-konvenut naqas li jipprovdi għodda adegwata u lbies protettiv għax-xogħol;

“U peress illi l-attur sofra ġrieħi ta' natura gravi u permanenti f'għajnu l-leminija u dana kif iċċertifkat mit-tobba li kkurawh fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex;

“U peress illi per konsegwenza ta' dan l-inċident l-attur ma jistax ikompli jeżerċita s-sengħa tiegħu ta' bennej u dana kif jiġi dettaljatament ippruvat waqt is-smiegħ tal-kawża;

“U peress illi dan kollu qed jikkaġuna danni emerġenti kif ukoll lukri ċessanti lill-attur;

“U peress illi l-attur irid illi jiġi kkumpensat ta' dawn id-danni;

“U peress illi l-istess konvenut proprio et nomine għalkemm interpellat sabiex bonarjament jersaq għal likwidazzjoni u ħlas tad-danni sofferti mill-attur, dana baqa' inadempjenti.

“Ighid ghalhekk l-istess konvenut ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

"1. Tiddikjara illi l-konvenut proprio et nomine huwa unikament responsabbli għall-inċident hawn fuq imsemmi;

"2. Tillikwida għalhekk id-danni kollha sofferti mill-attur per konsegwenza tal-inċident hawn fuq imsemmi u dan jekk hemm bżonn permezz ta' perit li għandu jiġi nominat għal dan il-fini,

"3. Tikkundanna lill-istess konvenut proprio et nomine sabiex iħallas lill-attur d-danni kollha hekk sofferti u likwidati.

"Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra interpellatorja tat-12 ta' Awissu 2002 u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni li għaliha minn issa l-konvenut huwa mħarrek.

"Bl-imgħaxijiet skond il-Liġi."

Il-konvenuti (appellanti) ipprezentaw nota tal-eccezzjoniiet (fol. 10) fejn ressqu dawn l-eccezzjonijiet:

"1. Preliminarjament illi Frank Borg personalment ma huwiex il-leġittimu kontradittur tat-talbiet attriċi u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

"2. Illi l-eċċipjenti ma humiex responsabbli għad-danni reklamati mill-attur u dan kif ser jiġi ppruvat tul is-smiegħ tal-kawża;

"3. Bla preġudizzju għas-suespost li l-attur ikkawża hu stess jew ikkontribwixxa għad-danni minnu sofferti u dana konsegwenza ta' imperizja u negliġenza f'hidmietu;

"4. Illi l-prova tal-entita` tad-dannu tinkombi fuq l-attur u l-eċċipjenti jirriservaw il-pożizzjoni tagħhom skond dak li jallega l-attur.

"5. Illi t-talbiet attriċi huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu.

"6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ."

**Decizjoni tal-ewwel Qorti.**

L-ewwel Qorti ddecidiet il-vertenza billi filwaqt illi laqghet l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut Frank Borg proprio u lliberatu mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż relattivi a karigu tal-attur, ċaħdet l-eċċezzjonijiet l-oħra fil-mertu, u laqghet *in parte* l-ewwel talba u ddikjarat lis-soċjeta` konvenuta unikament responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża; illikwidat d-danni sofferti mill-attur minħabba fl-istess inċident, fl-ammont ta' sbatax-il elf tmien mija sitta u ħamsin lira Maltija (Lm17,856) (illum €41,593.29); u kkundannat lill-istess soċjeta` konvenuta sabiex tħallas l-ammont hekk likwidat lill-attur. Bil-bqija tal-ispejjeż, ikunu a karigu tal-istess soċjeta` konvenuta.

Il-Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha.

"Ikkunsidrat:

"Illi din hija kawża għad-danni magħmula mill-attur in segwitu għal inċident fuq ix-xogħol li fih safa imweġġgħa f'għajnu l-leminija, meta intlaqat minn biċċa njama. L-azzjoni esperita hi għalhekk dik bażata fuq il-Lex Aquilia,[1] li bażi tagħha jista' jkun id-delitt, f'każ ta' *dolo,* jew il-kważi delitt, f'każ ta' c*olpa*, kif jippretendi li hu l-każ preżenti l-attur[2].

"Il-**Giorgi** jgħallem f'dan ir-rigward:

"*E' detta colpa in senso generale della nostra scienza qualunque violazione di un obbligo giuridico; anche la violazione dolosa. In senso piu' ristretto la parola colpa*

---

[1] 44 Dig. Del leg. aquil. IX, 2.
[2] art.1033 Kap.16.

*esclude il dolo, e significa volontaria omissione di diligenza, per cui non prevediamo le conseguenze illecite di una commissione od ommissione, e violiamo senza avvedercene un nostro dovere giuridico. Pero`, si dice, che l'inadempimento dell'obbligazione dipende da colpa, quando sebbene la causa dell' inadempimento sia stata l'opera del debitore medesimo, costui non ne abbia avuta la coscienza, e solo abbia mancato di quella diligenza, che egli era tenuto di usare*."[3]

“FATTI

“L-inċident mertu tal-kawża ġara meta l-attur, bennej, waqt li kien qiegħed fuq il-lant tax-xogħol itella' ħajt tal-ġebel, intalaqat f'għanu l-leminija b'biċċa injama li magħha kellha marbuta spaga stitara minn naħa għall-oħra tal-ħajt, hekk kif din inqalghet minn postha. B'konsegwenza ta' dan l-attur spiċċa b'debilita` permanenti f'din l-ghajn[4].

“EĊĊEZZJONI PRELIMINARI.

“Il-konvenut proprio qajjem eċċezzjoni preliminari li huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur tal-attur u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Jirriżulta indubbjament miċ-ċertifikat rilaxxjat mill-Korporazzjoni għall-Impieg u Taħriġ (ETC),[5] u mill-istess affidavit ta' l-attur,[6] illi dakinhar tal-inċident mertu ta' din il-kawża, huwa kien impjegat *full time* mas-soċjeta` "Mezilla Construction Co. Ltd." Kif sewwa qal il-konvenut fin-nota tal-Osservazzjonijiet tiegħu, soċjeta` kummerċjali għandha personalita` ġuridika distinta u separata minn dik tal-membri tagħha, u din il-personalita' tibqa' sseħħ sakemm l-isem tagħha ma jiġix imħassar minn fuq ir-reġistru tal-Kumpaniji[7]. Għalhekk ma jista' jkun hemm ebda raġuni valida għaliex il-konvenut ġie mħarrek ukoll fil-vesti personali tiegħu, bil-konsegwenza illi din l-eċċezzjoni hija ġustifikata u timmerita li tiġi milqugħa.

---

[3] Teoria delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italinao ed. 1903 vol.II. # 18 p. 32 - 33.
[4] ara rapport tal-espert mediku a fol. 121.
[5] Dok. JA 1 a fol. 32 tal-process.
[6] a fol. 89.
[7] art. 4(4) tal-Att dwar il-Kumpaniji.

“RESPONSABILITA`.

“Jirriżulta nkontestat illi l-attur korra waqt li kien qiegħed fuq il-lant tax-xogħol fuq sit ta' kostruzzjoni. Kien hemm il-konvenut Frank Borg jissorvelja x-xogħol in ġenerali u diversi ħaddiema oħra tas-soċjeta` konvenuta, kulħadd jagħmel ix-xogħol assenjat lilu. L-attur kien qiegħed itella' ħajt diviżorju, x'ħin kif ġia ngħad, huwa ntlaqat f'għajnu l-leminija minn biċċa njama li magħha kienet marbuta spaga stirata minn naħa għall-oħra tal-ħajt. Dan l-ispag jintużgħa fil-mestier sabiex il-bennej ikun jista' jimxi f'linja dritta sakemm ikun qed itella' l-ħajt in kostruzzjoni. Iż-żewġ trufijiet ta' dan l-ispag ikunu ġew ingaljati permezz ta' serrieq zgħir mill-bennej mal-kantuni tat-truf ta' kull naħa. Fil-każ in eżami dan ix-xogħol kien sar mill-attur stess. Ġara pero` illi l-ingaljatura ta' tarf minnhom tqaċċtet, bil-konsegwenza illi l-injama li magħha kien marbut dan l-ispag sparat għal għajn l-attur. Żgur illi għall-fatt li tqaċċat il-parti tal-kantun li magħha kien ġie marbut l-ispag, ma jista' jiġi attribwut għan-negliġenza ta' ħadd, għax dan kien dovut biss għan-nuqqas ta' reżistenza tal-ġebla partikolari. Għalkemm ma seta' jsir xejn sabiex jiġi evitat illi l-ġebla li magħha kien marbut l-ispag titqaċċat, dan l-inċident sfortunat seta' ma jkollux konsegwenzi hekk gravi li kieku l-attur kien attrezzat b'ilbies protettiv adegwat. Ħareġ mill-provi illi s-soċjeta` konvenuta, bħala l-imgħallem tal-attur, kienet tipprovdi lill-ħaddiema tagħha b'*helmet* u żraben adattati għax-xogħol tal-kostruzzjoni. Imma ma kienetx tipprovdi wkoll għall-protezzjoni tal-għajnejn. Għax ma kienx imprevedibbli illi inċident bħal dak in kwistjoni jinqala', l-attur u min kien qed jagħmel xogħol simili, messhom ġew provduti wkoll b'din il-protezzjoni permezzz ta' *goggles.*

“Is-soċjeta` konvenuta tipprova tiskolpixxi [recte: tiskolpa] lilha nnifisha mill-ħtija billi targumenta illi meta seħħ dan l-inċident ma kien hemm l-ebda liġi jew regolamenti illi kienu jobbligawha tipprovdi dan it-tip talbies protettiv għall-ħaddiema tagħha. L-att dwar l-Awtorita` għas-Saħħa u s-Sigurta` fuq il-post tax-Xogħol (l-Att Numru

XXVII tas-sena 2000),[8] jistipula illi min iħaddem għandu dejjem jiżgura s-saħħa u s-Sigurta` tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem[9]. Għalkemm hemm din l-obbligazzjoni ġenerali, il-Qrati tagħna spjegaw li din m'għandhiex tiġi nterpretata b'mod estensiv, tant li l-imgħallem għandu joqgħod kull waqt u kull ħin attent fuq il-ħaddiem[10]. Mandankollu l-istess liġi tispjega f'ċertu dettal x'inhuma l-miżuri mistennija mill-imgħallem sabiex jiġu evitati danni fiżiċi u psikoloġiċi, korrimenti jew mwiet fuq il-lant tax-xogħol[11]. Huwa minnu illi din il-liġi ma tispeċifikax x'tip ta' lbies protettiv għandu jingħata lill-ħaddiema fuq il-lant tax-xogħol sabiex jiġu evitati korrimenti. Mandankollu, fil-fehma tagħha, l-obbligu fuq min iħaddem li jagħmel ħiltu kollha sabiex jiġi evitat ir-riskju, kif stipulat f'din il-liġi, huwa wiesa biżżejjed biex jinkludi wkoll id-dmir tiegħu li jipprovdi l-mezzi kollha biex inaqqas kemm jista' jkun il-perikolu li ċertu xogħol neċessarjament jesponi lill-ħaddiema għalih, inkluż għalhekk l-ilbies protettiv meħtieġ għax-xogħol partikolari li jkun qed isir. Ma tistax għalhekk taħrab mir-responsabilita` tagħha s-soċjeta` konvenuta sempliċement għaliex dik il-liġi jew xi regolamenti eżistenti dakinhar ma kienux jispeċifikaw illi bennejja kellhom jiġu pprovduti bi protezzjoni għal għajnejhom.

"Għaldaqstant, wara li ġiet stabilita r-responsabilita` tas-soċjeta` konvenuta għad-danni li sofra l-attur, kawża tal-inċident fuq ix-xogħol li kellu, jenħtieġ illi jsiru l-kalkoli dovuti sabiex jiġi stabilit il-kumpens dovut.

"LIKWIDAZZJONI TA' DANNI.

"Fil-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Madankollu, kif ġie osservat mill-Qrati tagħna, f'din il-materja ma hemmx regoli fissi u

---

[8] Kap. 424 tal-Liġijiet ta' Malta.
[9] art. 6(1) ibid..
[10] ara Appell Kumm. John Debono et vs Neg. Joseph Muscat: 26.02.1960; Appell: Francis Coleiro noe. vs Carmelo Casssar: 24.04.1964; Kumm. Alfred Borg noe. vs William Furlonger noe. : 21.01.1965; Prim'Awla: Paul Debono vs Malta Drydocks: 27.04.2005.
[11] art. 6(2) kap. 424.

nflessibbli, ma hemmx *quantitative scale* tad-danni, ghax kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi[12]. Fl-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni tagħha, il-Qorti qabel ma tasal biex tiffissa l-ammont, għandha tħares lejn iċ-ċirkostanzi molteplići, u tista' ukoll utilment tużgħa bħala *tests* biex tikkontrolla ċ-ċifra finali, id-diversi modi ta' kompitu suġġerit mill-ġurisprudenza estera f'dan ir-rigward, mingħajr ma tivvinkola ruħha b'xi wieħed minnhom partikolari, sabiex b'dan il-mod ikun dejjem hemm ċerta elastiċita` ta' kriterju adattabbli għall-partikolaritajiet ta' kull fattispeċie[13].

"Skond il-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni tinqasam f'żewġ aspetti: id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*).

"**Damnum Emergens:**

"Ma ġew prodotti ebda provi f'dan ir-rigward, u għalhekk il-Qorti mhix f'pożizzjoni tkun taf xi spejjeż setgħa għamel l-attur in konnessjoni mal-kura li ngħata in segwitu għall-inċident mertu tal-kawża.

"**Lucrum Cessans:**

"Dwar il-metodu kif jiġi komputat dan it-telf futur, ma hemm l-ebda regola fissa u l-Qrati tagħna adottaw diversi kriterji. Kif intqal pjuttost reċentement mill-Qorti tal-Appell: "*Jingħad illi l-Qrati tagħna fil-pronunċjament tagħhom dwar kriterji li għandhom jintużaw biex jagħmlu tajjeb għall-inċertezzi talikwidazzjoni ta' danni li f'każijiet simili dejjem jagħtu lok għalihom, qatt ma rrinuzjaw għall-fakolta` diskrezzjonali tagħhom ….. Diversi drabi l-Qrati tagħna segwew il-prinċipji enunċjati fil-kawża 'Butler v. Heard'.*[14] Imma kif ġie enfasiżżat f'sentenza oħra ta' dik il-Qorti, ċċitata favorevolment fis-sentenza tagħha f'dik il-kawża: ***"****Il-Qorti tara li fil-ġurisprudenza tagħna ġie kemm-*

---

[12] Savona vs Asphar: Appell: 23.6.1952.
[13] Carmelo Fenech vs Antonio Galea; vol. XL. I. 73; Francis Galea vs. Bartolomeo Grech; vol. XLII. II. 1019.
[14] Carmelo sive Charles Micallef et vs Richard Spiteri et: Appell:15.1.2002.

*il darba misħuq li minkejja ċerti prinċipji li jirriżultaw mill-ġurisprudenza, dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċita' ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabbilita`. Inoltre, id-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, li meta tingħata b'sentenza m'hijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-rejalta'*[15]. Għal numru ta' snin il-Qrati tagħna fil-maġġior parti tal-każi segwew rigorożament il-metodu stabilt għall-ewwel darba fil-kawża "**Butler vs Heard**". Din il-kawża tagħat oriġini għal dak li jissejjaħ il-*multiplier system* li fiha l-perċentwali tad-debilita` u l-qliegħ annwali tal-korrut jiġu moltiplikati bis-snin tal-ħajja lavorattiva bażata fuq il-*life expectancy* tiegħu miżjud b'perċentwali biex tagħmel tajjeb għall-inflazzjoni u żidiet fil-pagi, u b'riduzzjoni ta' ċertu ammont minħabba l-*lump sum payment.* F'dawn l-aħħar snin pero` dan il-metodu ta' kalkolazzjoni ġie modifikat sabiex ikun iktar rejalistiku u jieħu konsiderazzjoni aħjar taċ-ċirkostanzi taż-żmenijiet attwali[16].

"Irriżulta fil-każ in eżami li qabel seħħ dan l-inċident l-attur kien jaħdem bħala bennej mas-soċjeta` konvenuta. Ma nafux pero` x'kien l-introjtu li kellu, u għalhekk wieħed irid jimxi fuq il-paga minima nazzjonali applikabbli dakinhar, u ċioe' fuq paga ta' tlett'elef u disa' liri maltin u sitta u sebgħin ċenteżmu (Lm3009.76). L-espert mediku l-ispeċjalista Mr. Franco Mercieca stabilixxa r-rata ta' diżabilita` permanenti li qed isofri minnha l-attur bħala waħda ta' għoxrin fil-mija (20%)[17]. Is-soċjeta` konvenuta tiċċita pero` ġurisprudenza reċenti fejn f'każ ta' debilita` permanenti f'għajn waħda, il-persentaġġ ta' diżabilita` jiġi kkalkolat b'metodu partikolari. B'dawn il-kalkoli waslet għar-riżultat illi d-debilita` propria fl-għajnejn hija ta' ħdax punt deċimali tnejn ħamsa (11.25%), filwaqt illi l-persentaġġ ġenerali ta' diżabilita` tal-attur għandha tkun biss ta' tmienja fil-mija (8%)[18]. Madankollu r-rapport tal-espert mediku nominat mill-Qorti ma ġiex ikkontestat fil-

---

15 Francis Sultana vs. John Micallef et noe. et: Appell: 20.7.1994.
16 Emanuel Mizzi vs Carmel.Attard: sentenza ta' din il-Qorti tat-13.5.2003.
17 ara rapport a fol. 121.
18 ara Nota tal-Osservazzjonijiet taghha a fol. 205 .

mument opportun u allura din il-Qorti lanqas ma ssib ebda raġuni għaliex m'għandiex toqgħod fuqu.

“Fil-kawżi li segwew Butler vs Heard b’mod rigoruż, il-ħajja lavorattiva ma kienitx tiġi kkalkolata a bażi tas-snin kollha li kien għad baqgħalha taħdem il-vittma, kieku ma seħħx l-inċident, imma normalment kienet tittieħed ħajja lavorattiva ta’ għoxrin (20) jew ħamsa u għoxrin (25) sena. Illum il-ġurnata pero` meta l-*life expectancy* twalet sostanzjalment, tant illi ħafna pajjizi qed itawwlu wkoll l-eta’ tal-pensjoni, ma baqa’ ebda raġuni għaliex il-ħajja lavorattiva ma tiġix kalkolata kollha[19]. Meta seħħ dan l-inċident l-attur kellu 34 sena[20] u għalhekk, jekk jittieħdu in konsiderazzjoni l-emendi reċenti dwar l-eta' tal-irtirar, kien għad baqgħalu ħajja lavorattiva ta' wieħed u tletin (31) sena. Għalhekk l-ammont dovut irid jinħadem hekk: Lm3000 (media ta' paga bażi) x 31 (snin ta' ħajja lavorattiva) x 20% (debilita` permanenti) x 120% (biex tagħmel tajjeb għaż-żidiet fil-pagi tul is-snin) x 80% (minħabba l-lump sum payment) = Lm17856.

RI-EPILOGU.

“Għaldaqstant l-ammont totali pagabbli lill-atturi in linea ta' danni kkaġunati per konsegwenza tal-inċident mertu ta' din il-kawża, huma s-segwenti:

“1. Damnum emergens : xejn
“2. Lucrum Cessans: Lm17856.
“ - Total ta': Lm17856.”

**Rikors tal-appell tal-konvenut proprio et noe**

Il-konvenut proprio et nomine appella minn dina s-sentenza u l-aggravji jistghu jigu sintetizzati hekk:

Fl-ewwel aggravju s-socjeta` appellanti ssostni li l-incident in kwistjoni ma kienx prevedibbli u ghalhekk hi ma kinitx tenuta li tipprovvdi *goggles* lill-appellat kif ippretendiet l-

[19] Agius vs.Galea et noe.: Kummerc: 11.7.1989; Buttigieg vs Azzopardi: Kummerc: 25.7.1989; Mario Camilleri vs Mario Borg: Prim’Awla: 8.5.1990.
[20] ara certifikat tal-ETC a fol. 32 tal-process.

ewwel Qorti. Is-socjeta` appellanti kienet responsabbli bizzejjed biex tassigura li tipprovvdi taghmir protettiv lill-haddiema taghha, izda ma kienx necessarju li tipprovdi anke *goggles* ghal xoghol ta' bini, kif del resto ammetta l-istess appellat.

Fit-tieni aggravju taghha s-socjeta` appellanti tirritjeni li l-appellat stess kien responsabbili ghall-incident jew almenu kellu jinstab responsabbili fi grad ta' kontributorjeta`.

It-tielet aggravju tal-appellanti huwa fis-sens li waqt li l-ewwel Qorti kkummentat li l-incident sehh minhabba nuqqas ta' resistenza tal-gebla u li dan sehh tort ta' hadd, fl-istess hin il-Qorti sabithom responsabbili ghall-akkadut "u sahansitra b'mod assolut".

Fir-raba' aggravju l-appellanti jhossuhom aggravati mill-komputazzjoni tad-danni kif maghmula mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-grad ta' dizabilita` u l-*multiplier.* Jizdied jinghad li r-rikors tal-appell jitkellem dejjem fil-plural, minkejja li Frank Borg f'ismu proprio gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

**Risposta tal-appellat**

L-appellat wiegeb tramite d-difensur tieghu waqt it-trattazzjoni orali, billi ma gietx prezentata risposta bil-miktub. L-appellat irrisponda li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita li tigi konfermata. Hu jsostni li l-appellanti kellhom jipprovvdu "*a safe working environment*", haga li m'ghamlux, u dana billi l-piz jaqa' fuq min ihaddem. Kwantu ghall-kalkoli li ghamlet l-ewwel Qorti, l-appellat jaqbel maghhom u zied ighid li l-espert kien ha in konsiderazzjoni l-"*global eyesight*" tal-appellat.

**Konsiderazzjonijiet ta' dina l-Qorti.**

**Fatti**

F'dan l-inċident l-appellat, li hu bennej, kien qiegħed fuq il-lant tax-xogħol itella' ħajt tal-appogg meta ntalaqat

f'għajnu l-leminija b'biċċa injama li magħha kellha marbuta spaga li kienet stirata min-naħa għall-oħra tal-ħajt u din inqalghet minn postha (ara s-sentenza appellata taht l-intestatura "Responsabbilita`"). B'konsegwenza t'hekk l-appellat spiċċa b'debilita` permanenti f'ghajnejh il-leminija.

L-ewwel Qorti ddecidiet li l-incident gara unikament tort tas-socjeta` appellanti billi naqset milli tipprovdi ghodda adegwati u lbies protettiv, *goggles,* lill-appellat fuq il-post tax-xoghol tieghu u sostniet li l-incident kien prevedibbili. L-ewwel Qorti qalet ukoll li l-obbligu ta' min iħaddem hu wiesa biżżejjed biex jinkludi wkoll id-dmir biex inaqqas kemm jista' jkun il-perikolu li ċertu xogħol partikolari neċessarjament jesponi lill-ħaddiema għalih.

Dina l-Qorti ma taqbilx li fic-cirkostanzi partikolari ta' dana l-kaz l-incident kien wiehed prevedibbili. L-ewwel Qorti stess ikkummentat li l-incident sehh minhabba nuqqas ta' resistenza tal-gebla u li dan sehh tort ta' hadd, ghalhekk wiehed ma jifhimx kif tista' tghid li l-incident kien prevedibbili meta dak li gara kien diffett fil-gebla li tqacctet tort ta' hadd. Inoltre anke l-istess appellat, meta gie kontroezaminat u mistoqsi jekk xi darba hu kienx talab lill-imghallem ghal xi forma ta' protezzjoni ghal ghajnejh, dan wiegeb li hu ma kellux bzonn xi haga bhala protezzjoni ghal ghajnejh ghax "*hadd ma basar li ser jigi go ghajni*" ( ara xhieda a fol. 94).

L-obbligu ta' min ihaddem hu li jipprovvdi "*a safe system of work*" u "*a safe working environment*", u supervizjoni u adegwatezza tal-atrezzi pprovvduti. Hu ghandu jizgura li l-post tax-xoghol ikun hieles minn sogri bla bzonn ghas-sahha u minn perikli li jistghu jigu ragjonevolment evitati ghall-inkolumita` fizika u psikologika tal-haddiema. Dan jinvolvi wkoll li min ihaddem jiehu in konsiderazzjoni l-atmosfera fil-post tax-xoghol, fosthom id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kors tax-xoghol tieghu, il-hinijiet twal, l-ghaggla fix-xoghol, l-aljenazzjoni tal-haddiem stess, u n-nuqqas ta' ghajnuna minn haddiema ohra li jkunu nkarigati biex jahdmu mieghu fuq dan ix-xoghol. Avolja jista' jkun hemm grad ta' negligenza mill-haddiem stess, is-sid irid, fi grad jew iehor, jirrispondi ghad-danni li

jirrizultaw minhabba nuqqas tieghu f'dan ir-rigward (ara sentenza **Kummerc: Schembri v. Caruana** 12/1/1983).

L-appellat jirritjeni li l-metodu li kien qed jintuza biex jinbena l-hajt ma kienx "safe" u ghalhekk hu gie espost ghal perikolu bla bzonn ghal sahhtu. Jirrizulta mill-provi akkwiziti li l-metodu li kienu juzaw l-appellanti kien wiehed li jintuza dejjem mill-bennejja kollha fil-mestier. Hija prattika fl-industrija tal-bini li biex tpoggi l-gebel bi dritt tuza dina s-sistema. L-appellat, li hu bennej tas-sengha, kien qed jahdem b'din is-sistema normali fix-xoghol tal-bini. Infatti kien l-appellat stess li uza dana l-metodu u fix-xhieda tieghu jghid li ma kien hemm ebda perikolu. Kien l-appellat stess li wahhal l-ispag mal-kantun ossia ma' bicca mill-kantun, liema parti tal-gebla eventwalment cediet.

Mir-regolamenti li kienu in vigore meta gara l-incident, jigifieri fis-sena 2002 imkien ma hemm imsemmi li fil-kostruzzjoni tal-bini, kien hemm bzonn li haddiem ikollu nuccjali protettiv. Ir-regolamenti dwar tghamir protettiv inhargu bl-A.L.121/2003 cioe` wara li gara dana l-kaz.

L-ewwel Qorti tat tort lis-socjeta` appellanti ghall-incident billi sostniet li dina ma kienitx ipprovvdiet lill-appellat protezzjoni permezz ta' *goggles.* Din il-Qorti hi tal-fehma li mhux meqjus bhala ragjonevolment prevedibbli li wiehed jipprotegi ghajnejh, waqt li qed jibni, iktar minn xi parti ohra tal-gisem. L-appellat stess xehed li dak il-hin hu ma kienx hass il-bzonn li jipprotegi ghajnejh billi ma kienx jobsor li se jigri dak li gara. Saviour Borg xehed li huma gieli uzaw nuccjali protettiv meta juzaw il-*grinder* jew jaqtghu certu hadid, injam jew bricks (ara fol. 137) imma qatt ma rah lill xi bennej bin-nuccjali protettiv meta jkun qed ipoggi l-gebel.

Fil-kaz in ezami l-appellanti kienu pprovvdew lill-appellat bit-tghamir solitu rikjest f'dan it-tip ta' xoghol ta' kostruzzjoni u cioe` *helmet* u *boots,* u ma jidhrix li huma kienu obbligati mil-ligi, kif kienet meta gara l-incident, li jipprovdu *goggles* ukoll lill-appellat billi ma kienx ragjonevolment prevedibbili li l-gebla ser iccedi, l-ispaga

tinqata’ min mal-kantun, u li din tolqot ghajnejn l-appellat. Fil-fatt la l-appellat u lanqas l-appellanti ma kienu qed jistennew li jigri dana.

In-nozzjoni tal-*colpa* fis-sistema legali taghna hija bazata fuq il-prevedibbilita` (**Annunziato D’Amato *et* v. Joseph Camilleri *et.***, 3 ta’ Marzu 1958, Vol XL11 p1 p 74) u biex ikun hemm lok ghad-danni jehtieg li wiehed seta’ jipprevedi d-dizgrazzja li kkagunat id-dannu. Il-prevedibbilita` trid tkun ta’ probabilitajiet ragonevoli u mhux ta’ possibilita` remotissima u inverosimili: **Francis Coleiro *nomine* v. Carmelo Cassar**, 24 ta’ April 1964. Il-gudizzju ta’ din l-prevedibbilita` fil-konkret hu mbaghad effettwat skond il-kriterji ta’ dik id-diligenza u attenzjoni tal-*bonus paterfamilias* li jippreciza l-Artikolu 1032. F’dan il-kaz ma jirrizultax li kien hemm xi nuqqas da parti tal-appellanti li seta’ wassal ghal dak li gara.

Issemma’ wkoll mill-appellat li kien hemm okkazzjonijiet ohra meta haddiema kienu qed jahdmu fuq lant tax-xoghol x’imkien iehor fejn kienu qed juzaw l-istess metodu ta’ bini ta’ hajt u l-ispaga li ntuzat kienet ukoll f’dik l-okkazjoni nqatghet, imma dik id-darba ma kien gara xejn u ma korra hadd (ara fol. 24/25 xiehda ta’ Salvu Borg). Il-Qorti pero` tirrileva li jekk kien hemm okkazzjonijiet ohra fejn l-ispaga nqaghtet ma jfissirx li minhabba f’hekk dana l-incident – ossia li persuna tkorri – kellu jkun prevedibbili. In fatti kollox jindika li f’okkazzjonijiet ohra kullma kien jigri kien li dak li jkun jintlaqat f’idu jew f’saqajh bla konsegwenzi ta’ xejn.

F’kull kawza, ikun kemm ikun sfortunat l-event dannuz, l-attur irid jipprova l-kaz tieghu skond ir-regoli tal-procedura u skond il-grad mehtieg.

Fil-fehma ta’ dina l-Qorti ghalkemm dan l-incident kien wiehed sfortunat u certi affarijiet graw tort ta’ hadd, kien l-appellat stess li holoq il-premessi fattwali li wasslu ghall-infortunju tieghu. Mhux kontestat li z-żewġ trufijiet tal-ispag, li kienu ġew ingaljati permezz ta' serrieq mal-kantuni tat-truf ta' kull naħa, u li gew stirati, saru mill-istess appellat Joseph Apap (ara xhieda a fol 93). Kien l-

appellat ukoll li sserra l-gebla in kwistjoni li wara tqacctet. Kienet responsabbilita` tieghu, bhala l-bennej li kien qed jibni dana l-hajt, li jara li x-xoghol li qed jaghmel isir sewwa u jsir b'irbit kif suppost. Bhal kull haddiem iehor hu kellu l-obbligu ukoll li jhares is-sahha u s-sigurta` tieghu nnifsu kif ukoll ta' dawk il-persuni li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li jkun qieghed isir, u dan dejjem safejn kien ragjonevolment mistenni. L-appellat ma kienx gdid f'dana x-xoghol assenjat lilu u ghalhekk kien fid-dover tieghu li jippresta dina l-attenzjoni. Hu mexa skond l-arti u s-sengha, u anke ghalih stess ma kienx prevedibbli li b'dik is-sistema adoperata wiehed seta' jkorri.

Dwar il-kwistjoni tat-tghamir protettiv li l-appellat jippretendi li suppost kellu jigi pprovdut lilu, dina l-Qorti hi tal-fehma li kieku l-appellat hass il-bzonn (haga li hu jghid li ma hassx) jew ra li kien hemm xi perikolu ghal sahhtu u kellu bzonn ta' nuccjali protettiv, bhala bennej tas-sengha, messu talab lill-imghallem jipprovvdilu wiehed. Kien dover tal-appellat li jekk fic-cirkostanzi partikolari li kien qed jahdem fihom hass li kien hemm bzonn ta' <u>aktar protezzjoni</u>, messu ha l-mizuri biex jikkawtela l-posizzjoni tieghu. Pero`, kif inghad, dak li gara ma kien b'ebda mod ragjonevolment prevedibbli.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell interpost mill-appellanti billi tikkonferma s-sentenza appellata fejn laqghet l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut Frank Borg proprio u lliberatu mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez a karigu tieghu; u tilqa' l-appell tal-appellanti billi, prevja li tilqa' l-hames eccezzjoni tal-konvenut *proprio et nomine*, tichad it-talbiet attrici. L-ispejjez kemm tal-ewwel kif ukoll ta' din l-istanza jkunu a karigu tal-attur appellat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------